A.L. 101 ta' l-1980

ATT TA' L-1971 DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITA' (ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI)

(ATT NRU. XIII TA' L-1971)

Ordni ta' l-1980 dwar Ilma għal Batteriji bl-Aċidu (Ordni Nru. M7 ta' l-1980)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1971 dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali) u skond dak l-artikolu, il-Bord ta' *Standards* ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1980 dwar Ilma għal Batteriji bl-Aċidu, u jista' jissejjaħ Ordni Nru. M7 ta' l-1980.

1.2. Dan l-ordni għandu jibda jseħħ f'data wara li jgħaddu 20 jum mill-jum li fih jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati, liema data għandha tiġi avżata mill-Bord b'avviż fil-Gazzetta.

Għan.

2.1. Dan l-ordni japplika biss għal ilma distillat li jinbiegħ fi fliexken jew bl-ingrossa u li normalment jintuża ġol-batteriji bl-aċidu jew għal għanijiet industrjali oħra.

Karatteristiċi ta' ilma.

3.1. Il-prodott lest li jinbiegħ bħala ilma għal batteriji bl-aċidu għandu jkollu l-karatteristiċi li ġejjin:—

3.1.1. L-ilma għandu jiġi purifikat bid-distillazzjoni, *ion exchange* jew proċess ieħor addattat.

3.1.2. Għandu jkun ċar f'fond ta' 300 mm.

3.1.3. Konduttività. L-ilma għandu jkollu konduttività ta' mhux iktar minn 10 mho/cm.

3.1.4. Kontenut ta' *manganese*. L-ilma ma għandux ikollu iktar minn 0.1 mg ta' *manganese*/*Kg*.

3.1.5. Kontenut ta' nitroġenu ammonjakali. Il-materjal ma għandux ikollu iktar minn 10 mg ta' nitroġenu ammonjakali, espress bħala NH_3, kull kilogramm, stabbilit u kalkolat bil-metodu deskritt fil-paragrafu 6.

3.1.6. Kontenut ta' ossidi tan-nitroġenu. Il-materjal ma għandux ikollu iktar minn 3 mg ta' ossidi tan-nitroġenu, espressi bħala N, kull kilogramm, stabbiliti u kalkolati bil-metodu deskritt fil-paragrafu 6.

3.1.7. Kontenut ta' ħadid. Il-materjal ma għandux ikollu iktar minn 5 mg ta' ħadid, espress bħala Fe, kull kilogramm, stabbilit u kalkolat bil-metodu deskritt fil-paragrafu 6.

3.1.8. Kontenut ta' ram aħmar. Il-materjal ma għandux ikollu iktar minn 5 mg ta' ram aħmar, espress bħala Cu, kull kilogramm, stabbilit u kalkolat bil-metodu deskritt fil-paragrafu 6.

Tikkettjar.

4.1. Kull reċipjent ta' 'Ilma Distillat' għandu jkollu tikketta li turi bi stampa ċara u li tidher sewwa t-tagħrif li ġej:—

4.1.1. Il-fatt li r-riċipjent ikollu "Ilma għal Batteriji bl-Aċidu";

4.1.2. il-volum nett tal-kontenut f'unitajiet metriċi;

4.1.3. l-isem tal-marka jew it-*trade mark* jew,

4.1.4. l-isem u l-indirizz tal-manifattur;

4.1.5. meta l-isem tal-marka ma jkunx imniżżel f'lista miżmuma mid-Direttur ta' l-Industrja lanqas it-*trade mark* ma tkun reġistrata mal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrjali, l-isem u l-indirizz tal-manifattur ikun obbligatorju li jitniżżel fuq it-tikketta;

4.1.6. il-fatt li tkun skond l-Ordni Nru. M7 ta' l-1980.

Reċipjent.

5.1. Kull reċipjent għandu jkun issiġillat tajjeb.

Analiżi kemikali.

6.1. Dak li għandu jiġi stabbilit skond il-paragrafi mit-3.1.3. sat-3.1.8. għandu jiġi stabbilit kif deskritt fl-appendiċi tal-B.S. 4974 ta' l-1975.